MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 724/1993/1

**Anthony u Theresa konjuġi MALLIA**

**vs**

**Emmanuel FALZON**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-17 ta' Ġunju, 1993, li bih l-atturi ippremettew;

Illi l-atturi għandhom set tal-kamra tal-pranzu li ġiet tiswilhom kważi elfejn Lira Maltija (Lm2000);

Illi l-istess atturi kienu inkarigaw lill-konvenut aċċettanti, biex jagħmel ix-xogħol kollu ta' lostru bis-sistema tat-tajjara fuq l-istess set ta' għamara konsistenti f'mejda, żewġ sideboards, vetrina, sitt siġġijiet, żewġ pultruni u mera versu l-prezz komplessiv ta' tmien mitt Lira Maltija (Lm800);

Illi meta tlesta parti mix-xogħol ta' lostru u ċioe kienu lesti l-mejda, iż-żewġ sideboards u l-vetrina mill-ewwel ġie notat illi x-xogħol mill-konvenut m'hux biss ma sarx skond is-sengħa u l-arti iżda lanqas kien ġie attwat skond il-ftehim u ċioe bis-sistema tat-tajjar, iżda kien sar kollu bil-pinzell;

Illi x-xogħol ta' lostru tant sar ħażin illi s-set tal-għamara ġie rrovinat għal kollox;

Illi għalkemm il-konvenut ġie interpellat diversi drabi biex jersaq għal likwidazzjoni tad-danni, huwa baqa' inadempjenti;

Għalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex: -

1. Tiddikjara li x-xogħol ta' lostru fuq il-mejda, żewġ sideboards u vetrina sar mhux skond is-sengħa u l-arti u mhux kif kien ġie pattwit;

2. Tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli għad-danni kaġonati fl-istess biċċiet tal-għamara;

3. Tillikwida d-danni, anke permezz ta' periti nominandi, kaġonati fl-istess biċċiet tal-għamara;

4. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi id-danni hekk kif likwidati;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' mandat ta' qbid datat 25 ta' Mejju 1993 u bl-interessi legali dekorribbli mid-data ta' l-ittra uffiċċjali preżentata fis-6 ta' April 1993 kontra l-konvenut li minn issa qed jiġi nġunt biex jidher għas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi;

Rat in-Nota mressqa fil-15 ta' Lulju, 1993, li biha l-imħarrek eċċepixxa;

1. Illi fl-ewwel lok l-azzjoni attriċi hija insostenibbli stante illi malli x-xogħol ġie esegwit u spezzjonat mill-attriċi Theresa Mallia dina ħallset għall-istess u b'hekk ġiet li taċitament aċċettat li x-xogħol kien sar skond il-ftehim;

2. Illi bla preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana stante illi x-xogħol in kwistjoni ġie esegwit skond l-arti u s-sengħa;

3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek;

Rat id-Degriet tal-15 ta' Ottubru, 1993, li bih inħatar Giuseppe Arcidiacono bħala espert tekniku, liema ħatra nbidlet b'Degriet tal-14 ta' Jannar, 1994, u ieħor tas-16 ta' Marzu, 1994, li bis-saħħa tiegħu nħatar Joseph Galea Naudi bħala espert sostitut;

Rat ir-Rapport imressaq mill-istess perit tekniku fil-21 ta' Ottubru, 1994[1], u minnu debitament maħluf fit-30 ta' Ottubru, 1995;

Rat id-degriet tal-21 ta' Frar, 1996[2], li bih ħatret lil Vincent Camilleri Ellul Boniċi bħala espert tekniku biex jillikwida d-danni mġarrbin mill-atturi, liema ħatra nbidlet b'Degriet tal-15 ta' Jannar, 1997[3], bil-ħatra ta' Michael Mizzi bħala perit tekniku sostitut;

Rat ir-Rapport imressaq mill-imsemmi perit tekniku fil-5 ta' Ġunju, 1997[4], u maħluf minnu fit-8 ta' Ottubru, 1997;

Rat id-degriet tat-3 t'April, 1998[5], li bih ċaħdet it-talba magħmula mill-imħarrek b'rikors tat-12 ta' Diċembru, 1997, biex ir-rapport imressaq mill-espert tekniku Michael Mizzi jitneħħa mill-atti tal-kawża;

---

[1] Paġ. 29 tal-proċess
[2] Paġ. 38 tal-proċess
[3] Paġ. 49 tal-proċess
[4] Paġ. 52 tal-proċess
[5] Paġġ. 74-7 tal-proċess

Rat id-degriet tal-20 ta' Mejju, 1998[6], li bih ħatret Charles Azzopardi, Gordon Falzon u Mario Vella bħala periti addizzjonali, kif mitlub mill-partijiet f'nota mressqa minnhom flimkien fl-24 ta' April, 1998;

Rat id-Degriet tagħha tas-16 ta' Jannar, 2003[7], li bih ħassret *contrario imperio* l-imsemmija ħatra tal-periti addizzjonali minħabba li naqsu li jwettqu l-inkariku mogħti lilhom;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha tal-4 ta' Ġunju, 2003, tas-16 ta' Ottubru, 2003, tal-11 ta' Diċembru, 2003 u tas-26 ta' Frar, 2004, li bihom il-kawża tħalliet għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal dikjarazzjoni ta' xogħol ħażin imwettaq f'appalt ta' lostru ta' għamara, u għall-kundanna tal-imħarrek għad-danni mġarrbin mill-atturi minħabba dak ix-xogħol ħażin;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa' billi qal li l-azzjoni tal-atturi ma setgħetx issir għaliex l-attriċi kienet ħallset tax-xogħol li huwa għamel u għalhekk ġie li aċċettat li x-xogħol kien sar tajjeb;

Illi l-fatti li jirriżultaw mill-każ juru li l-atturi kienu ordnaw sett ta' għamara għall-kamra tal-pranzu tad-dar tagħhom. Kienu xtraw mera biex tmur mas-sett ordnat. Min għamel l-għamara ma kienx tqabbad jagħtiha l-lostru. L-atturi qabbdu lill-imħarrek biex jagħmel dan ix-xogħol, għaliex riedu li l-lostru jingħata bit-tajjara ("*French Polish*") u għaliex kienu jafu li huwa jinqala' għal xogħol bħal dan. Kien ġie miftiehem prezz għal dan ix-xogħol, magħdud fih il-brix tal-lostru li ġa kellha l-mera qabel ma tingħata

[6] Paġ. 81 tal-proċess
[7] Paġ. 108 tal-proċess

lostratura ġdida bit-tajjara wkoll. Ix-xogħol sar mill-imħarrek fil-*workshop* tiegħu u l-attriċi rat ix-xogħol qabel ma s-sett ittieħed lura fid-dar tagħha;

Illi meta l-biċċa l-kbira mix-xogħol kien ittieħed lura fid-dar tal-atturi, dawn kienu raw xi traċċi li wassluhom li jissuspettaw li x-xogħol ta' lostru ma kienx sar kif miftiehem. Il-kawża nfetħet f'Ġunju tal-1993;

Illi l-<u>konsiderazzjonijiet ta' dritt</u> li jeħtieġ li jsiru għas-soluzzjoni tal-każ iduru mal-kwestjoni dwar jekk huwiex minnu li l-imħarrek naqas li jwettaq il-ħatra mogħtija lilu skond ma titlob is-sengħa tiegħu. Biex isir dan irid l-ewwel nett jintwera x'kien il-ftehim bejn il-partijiet meta ngħata l-appalt. Wara, irid jiġi mistħarreġ jekk l-imħarrek, bħala l-appaltatur, wettaqx dak li tqabbad jagħmel. Dwar l-ewwel kweżit, jingħad minnufih li ma jidhirx li sar xi ftehim bil-miktub. Jekk sar ma tressqitx kopja tiegħu fl-atti tal-kawża. Min-naħa l-oħra, m'huwiex meħtieġ *ad validitatem* li ftehim ta' appalt isir bil-miktub. B'daqshekk, ma jfissirx li kieku sar ftehim miktub ma kienx ikun ta' għajnuna akbar għall-Qorti, minħabba li huwa b'qari ta' ftehim bħal dak li l-Qorti tkun tista' tapprezza sewwasew x'kienu ftehmu l-partijiet ;

Illi madankollu, l-fatt li ma jkunx sar ftehim ta'appalt bil-miktub ikun ifisser li l-eżekuzzjoni tal-ħatra tkun trid issir skond l-intenzjoni jew fehma tal-partijiet. F'każ bħal din hija ħaġa ċerta li l-appalt jitwettaq tajjeb u mhux kif ikun ifettillu l-appaltatur, jew li jsir xogħol ta' kafkaf[8]

Illi dwar it-tieni rekwiżit jista' jingħad li ħareġ li x-xogħol li għamel l-imħarrek ma kienx dak mitlub minnu mill-atturi. L-atturi kienu kategoriċi li riedu li s-sett tal-għamara tagħhom jiġi lustrat bil-metodu tat-tajjara. L-imħarrek, min-naħa tiegħu u kif jistqarr fid-Dikjarazzjoni maħlufa mehmuża man-Nota tal-Eċċezzjonijiet tiegħu, jiddikjara li l-ispeċjalizzazzjoni tas-sengħa tiegħu kienet l-għoti ta' lostu lill-għamara bit-tajjara. L-espert tekniku maħtur mill-Qorti kien aktar minn kategoriku meta iddikjara li x-xogħol

[8] P.A. TM **30.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Perit Frank Giordmaina Mediċi noe vs Pio Camilleri***

li ra fis-sett tal-għamara tal-atturi ma kienx xogħol ta' lostru bit-tajjara. Dan baqa' jtennih, minkejja li tqanqlu dubji dwar il-mod ta' kif għamel l-aċċertament fl-aċċess miżmum minnu, meta ttella' jixhed in eskussjoni[9];

Illi l-konklużjoni milħuqa mill-perit tekniku fir-Rapport imressaq minnu jikkostitwixxi determinazzjoni ta' fatt li din il-Qorti sejra toqgħod fuqu għaliex, għalkemm *dictum expertorum numquam transit in rem judicatam*, il-konklużjonijiet ta' perit tekniku jikkostitwixxu prova u mhux sempliċi opinjoni jew suspett. Tali fehmiet għandhom is-saħħa ta' prova bħal kull prova oħra ammissibbli fil-liġi, u jibqgħu jgawdu din il-kwalita' sakemm ma jiġux kontestati, jew permezz ta' provi oħrajn kuntrarji għalihom jew inkella b'sottomissjonijiet serji u tajbin biżżejjed li juruhom bħala fehmiet inattendibbli u li ma jitwemmnux[10]. Għalkemm il-Qorti m'hijiex marbuta li toqgħod għal fehmiet ta' perit minnha maħtur kontra l-konvinzjoni tagħha nnifisha[11], madankollu l-*giudizio dell'arte* ma jistax u m'għandux jitwarrab faċilment[12], sakemm ma jkunx jidher b'mod ċar li l-fehmiet u konklużjonijiet tal-perit huma irraġonevoli[13];

Illi tali prinċipji għandhom iżjed jitħarsu meta ma jinġiebu 'l quddiem l-ebda raġunijiet tajbin illi jqegħdu f'dubju dawk il-fehmiet ta' bixra teknika, jew fejn saħansitra dawk il-fehmiet jibqgħu konvinċenti wkoll wara li jkunu ntgħarblu f'xi eskussjoni serrata tal-istess perit tekniku[14];

Illi ngħad b'awtorita' li tkun prużunzjoni min-naħa ta' Qorti li, f'ċirkostanzi bħal dawn, twarrab minn quddiemha u bla raġuni tajba il-fehma milħuqa f'relazzjoni teknika: u dan għaliex, f'qasam tekniku jew speċjalizżat, il-ġudikant ma jkollux dak l-għarfien tas-suġġett jew ħila prattika biex minn rajh jasal għal fehma li ma tkunx gwidata minn fehma teknika ta' espert fil-qasam[15];

---

[9] Ara x-xhieda tiegħu in eskussjoni 21.2.1996, f'paġġ. 40-4 tal-proċess
[10] App. Ċiv. **9.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Benjamin Camilleri vs Carmel Debattista et***
[11] Art. 681 tal-Kap 12
[12] App. Ċiv. **28.1.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Saliba vs Joseph Farruġia***
[13] App. Ċiv. **23.6.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Buġeja et vs Muscat et*** (Kollez. Vol: **LI.i.389**)
[14] P.A. PS **28.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Mallia noe vs Martin Mizzi et***
[15] App. Ċiv. **9.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Benjamin Camilleri noe vs Charles Debattista et noe***

Illi dwar it-talba tal-atturi li l-imħarrek jitqies responsabbli għad-danni mġarrbin minnhom u li jagħmel tajjeb għal dawk id-danni, għandu jingħad li d-danni jistgħu jintalbu meta l-obbligazzjoni ma tkunx tista' iżjed titwettaq f'għamla speċifika[16];

Illi l-liġi wkoll trid li kull min jonqos li jwettaq xi obbligazzjoni li jkun intrabat li jagħmel, għandu jagħmel tajjeb lill-parti l-oħra billi jħallasha d-danni li din setgħet ġarrbet minħabba dak in-nuqqas[17]. Dan iseħħ minbarra li l-parti l-oħra tista' tingħata s-setgħa wkoll li tagħmel hi dak li naqset li tagħmel il-parti l-oħra, u bi spejjeż ta' din[18]. Fejn jiġri li min kellu jwettaq obbligazzjoni jonqos li jwettaqha jew ma jagħmilhiex fil-ħin miftiehem, dan jista' jiġi wkoll ikkundannat jagħmel tajjeb għad-danni li jikkawża lill-kreditur tiegħu, ukoll jekk dan in-nuqqas iseħħ mingħajr mala fidi, sakemm id-debitur ma jseħħlux juri li n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni jew id-dewmien biex iwettaqha ġraw minħabba xi ħaġa barranija li huwa ma kellux setgħa fuqha[19], bħal fil-każ ta' forza maġġuri jew aċċident[20]. Huwa mogħti wkoll lill-persuna kreditriċi tal-obbligazzjoni li titlob it-tneħħija tal-ħaġa li saret bi ksur tal-obbligazzjoni u dan ukoll bi spejjeż ta' min suppost wettaqha[21];

Illi meta l-liġi titkellem dwar id-danni li għandhom jitqiesu f'każ ta' nuqqas ta' twettiq, hija tgħid li d-debitur irid jagħmel tajjeb kemm għat-telf, mibsur jew li sata' jinbasar fiż-żmien tal-obbligazzjoni[22], li jkun bata l-kreditur u kif ukoll għat-telf ta' qligħ li dan ikun ġarrab[23]. Imma, fil-każ ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni, irid jintwera mill-kreditur li d-danni li jkun ġarrab kienu l-effett dirett u immedjat tan-nuqqas tal-obbligazzjoni[24]. Id-danni huma dovuti meta l-obbligazzjoni ma tistax titwettaq aktar

[16] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Bonaventura Camilleri vs John Cuschieri***
[17] Art. 1125 tal-Kap 16
[18] Art. 1127 tal-Kap 16
[19] Art. 1133 tal-Kap 16
[20] Art. 1134 tal-Kap 16
[21] Art. 1129 tal-Kap 16
[22] Art. 1136 tal-Kap 16
[23] Art. 1135 tal-Kap 16
[24] Art. 1137 tal-Kap 16

f'għamla speċifika, u mhux ukoll meta x-xogħol ħażin jista' jissewwa jew jitranġa[25];

Illi kemm hu hekk, huwa stabilit illi huwa biss meta n-nuqqasijiet fix-xogħol konsenjat huma "essenzjali" jew radikali li l-appaltant jista' jitlob li jiġi dikjarat li l-kuntratt jinħall minħabba nuqqas ta' twettiq, għaliex jekk in-nuqqasijiet ma jkunux ta' din l-għamla, l-appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti, imma jibqa' bl-obbligu li jew isewwi x-xogħol ħażin jew jaċċetta ħlas imnaqqas[26];

Ili minbarra dan, il-fatt li l-kommittent ikun ra x-xogħol u ma ntebahx li kien hemm xi nuqqasijiet jew li saħansitra li x-xogħol appaltat ma jkunx sar skond ma titlob is-sengħa, ma jeħlisx lill-appaltatur mir-responsabbilta' tiegħu li jagħmel tajjeb għall-ħsara li l-appaltant ikun ġarrab minħabba tali nuqqas. Approvazzjoni magħmula mill-kommittent f'ċirkostanza bħal din ma sservi xejn biex taqla' lill-appaltatur mir-rabta li jagħmel tajjeb għal tali ħsara[27];

Illi fil-każ preżenti, u wara li saru l-kostatazzjonijiet ta' fatt u ta' dritt li jinteressaw il-każ, il-Qorti tasal għall-fehma li l-appalt twettaq ħażin u li n-nuqqasijiet f'tali twettiq kienu gravi u essenzjali. L-espert tekniku Michael Mizzi, maħtur biex jirrelata dwar id-dannu mġarrab mill-atturi, jiddikjara li l-ħsara kawżata lis-sett tal-għamara tal-atturi hija waħda li ma tistax tissewwa. Minkejja li l-imħarrek ittanta jwaqqa' l-imsemmija sejba teknika, din il-Qorti (diversament presjeduta) fid-Degriet tagħha tat-3 ta' April, 1998, sabet li ma kienx hemm raġunijiet tajbin biżżejjed biex tneħħi l-imsemmija relazzjoni mill-atti jew li l-fehma milħuqa mill-perit tekniku kienet waħda parzjali;

Illi din il-Qorti, għall-istess raġunijiet imsemmijin dwar il-perizja teknika dwar il-kwalita' tax-xogħol imwettaq mill-

[25] Kumm. **13.2.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Petroni vs Petroni et*** (Kollez. Vol: **XXXVI.iii.629**)

[26] Ara, per eżempju, P.A. CC **9.4.1968** fil-kawża fl-ismijiet ***Anġlu Busuttil vs Piju Fedele et*** (Mhix pubblikata) u App. Kumm. **22.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Bonniċi noe vs Sammut*** (Mhix pubblikata)

[27] P.A. TM **3.7.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet Pubbliċi vs Charles Azzopardi***

imħarrek, sejra wkoll toqgħod fuq ir-Relazzjoni peritali dwar id-danni;

Illi, fis-sewwa, jeħtieġ jingħad li meta l-Qorti kienet ħatret lil Michael Mizzi biex jirrelata dwar id-danni, kienet qegħda tistenna li l-perit meħtur jirrelata wkoll dwar il-kwantum. Kemm hu hekk, ingħata l-ħatra kemm għall-finijiet tat-tieni talba attriċi u kif ukoll tat-tielet talba (dik li titlob għal-likwidazzjoni tad-dannu mġarrab mill-atturi). Minn dan kollu l-espert m'għamel xejn aktar milli iddikjara li l-ħsara li ġarrab is-sett tal-għamara minħabba x-xogħol ħażin tal-imħarrek ma tistax tissewwa. Il-Qorti jkollha għalhekk issa tqis hi kemm għandu jkun l-ammont ta' dannu li ġarrbu l-atturi;

Illi dan l-eżerċizzju huwa kemmxejn iebes ukoll minħabba l-fatt li jidher li l-atturi żammew fil-pussess tagħhom l-għamara mertu tal-każ u baqgħu jagħmlu użu minnha. Dan il-fatt issemma mill-abbli difensur tal-imħarrek waqt it-trattazzjoni tal-għeluq u huwa aspett li ma jistax jitwarrab kif ġieb u laħaq. Madankollu, il-fatt li l-atturi żammew l-għamara ma jġibx b'daqshekk li ma ġarrbux dannu. Il-fatt li jkollhom jitqannew b'sett ta' għamara li sewa kemxa flus u li fih id-difetti li jidhru kull meta jħarsu lejh huwa raġuni tajba biżżejjed biex jagħti lok għal likwidazzjoni ta' danni attwalment imġarrba. Naturalment, biex wieħed jasal għal tali likwidazzjoni, wieħed ikollu jqis għadd ta' fatturi, li mhux kollha jistgħu jitqiesu bħala empirikament determinabbli;

Illi meta wieħed jieħu b'qies kemm kien jiswa s-sett u l-ħwejjeġ l-oħrajn li nxtraw biex jitqabblu miegħu; meta wieħed iqis li x-xogħol li sar ġab ħsara li ma tistax tissewwa; meta wieħed iqis li l-atturi ħallsu lill-imħarrek il-biċċa l-kbira mill-prezz miftiehem għax-xogħol mogħti lilu; u meta jitqies ukoll il-fatt li l-atturi żammew is-sett għandhom, il-Qorti tasal għall-fehma li t-telf jew danni likwidabbli skond il-liġi għandu jkun ta' elf u disa' mitt lira Maltija (Lm 1,900). Dan l-ammont jinħadem billi jitqies l-ammont sħiħ ta' spejjeż ippruvati mill-atturi[28], u minnu

[28] Lm 2652, li huwa l-ispiża biex inxtara s-sett u l-attrezzi l-oħrajn u wkoll il-ħlas magħmul lill-imħarrek

jitnaqqas ammont proporzjonali li jirrappreżenta l-valur tal-għamara fl-istat li fih tinsab;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li x-xogħol ta' lostru magħmul mill-imħarrek fuq il-mejda tal-pranzu, żewġ armadji u vetrina ma sarx skond is-sengħa u ma sarx kif kien miftiehem;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tiddikjara li l-imħarrek huwa responsabbli għad-danni ikkawżati minnu fl-imsemmijin biċċiet ta' għamara;

**Tillikwida, għall-finijiet tat-tielet talba attriċi, d-danni** mġarrbin mill-atturi fis-somma ta' elf u disa' mitt lira Maltija (Lm 1,900);

**Tikkundanna** lill-imħarrek iħallas lill-atturi s-somma ta' Lm 1,900 hekk likwidata;

**Tiċħad għalhekk l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrek, bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tikkundannah** iħallas ukoll l-ispejjeż kollha tal-kawża, magħduda magħhom dawk tad-degriet interlokutorju tat-3 ta' April, 1998, flimkien mal-imgħaxijiet fuq is-somma likwidata b'effett millum sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------